MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 217/2007

**Paolo Bonnici Limited**
**(C 4186)**

**Vs**

**P.R. Co. Ltd (P 13092)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta` Marzu, 2007 fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u disghin lira (Lm 590), rapprezentanti kwantu ghal Lm 500 bhala refuzjoni ta` sitt xhur kera minn Lulju sa Dicembru, 2005 u kwantu ghal Lm 90 VAT ghal kera ta` "one pillar wrap around stand" billi s-socjeta` konvenuta unilateralment u illegalment ma baqghetx tesponi prodotti tas-socjeta attrici fil-perjodu ndikat u dana in kontravvenzjoni tal-ftehim bejn il-partijiet hawn anness Dok. A.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mid-29 ta` Mejju, 2006 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta` konvenuta datata 27 ta` Marzu, 2007 fejn ikkontestat it-talba attrici in vista tal-fatt li l-ftehim kien gie vvjolat mill-istess socjeta` attrici.

Ra r-risposta ulterjuri prezentata mill-istess socjeta` konvenuta datata 5 ta` Lulju, 2007 fejn sostniet li t-talba attrici kif dedotta hija nsostenibbli legalment in vista tal-fatt li ma kienx hemm ebda kera mhalsa fil-perjodu msemmi u kwindi ma tista` ssir ebda talba ghal refuzjoni taghha.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici datata 9 ta` Lulju, 2007 b'riferenza ghar-risposta ulterjuri tal-konvenuti fejn irrespingiet l-istess billi allegat li l-hlas tal-kera kien sar tramite tpacija fil-kontijiet rispettivi u inoltre xorta jibqa` l-fatt ta` l-inadempjenza kontrattwali tas-socjeta` konvenuta u kwindi jiskatta d-dritt ta` refuzjoni.

It-Tribunal ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli konsulenti legali tar-rispettivi partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-partijiet kienu dahlu fi ftehim bil-miktub bejniethom, Dok. A, in forza ta` liema l-konvenuti kienu qed jikru lill-atturi stand ta` prodotti fl-istabbiliment taghhom bil-ghan li fuqha jigu esposti prodotti ghal bejgh ta` l-atturi u dana versu korrispettiv ta` Lm 750 ghal sena, liema ammont kien zdied ghal Lm 1,000 fit-tieni sena u liema korrispettiv kien jithallas mill-istess atturi billi fl-ahhar xahar ta` kull sena s-socjeta` attrici tohrog credit note favur il-konvenuti. Naturalment tali credit note kienet isservi sabiex taqta` *in toto* jew in parti l-prodotti li jkunu gew mixtrija mill-konvenuti minghand is-socjeta` attrici. Fil-kaz in ezami, il-konvenuti hargu l-invoice relattiva ghas-sena in kwistjoni

ta` 2005, fit-23 ta` Frar, 2005, Dok. JC 2 fir-rigward ta` liema kienet giet awtorizzata it-tpacija relattiva mis-socjeta` attrici fit-18 ta` April, 2005 u kkonfermata fl-accounts ta` l-istess atturi f'Gunju, 2005, Dok. JC 3.

Illi li gara kien li minhabba xi disgwid bejniethom fis-sena 2005 (dwar xi pretenzjoni ta` rebates), il-konvenuti ma baqghux jordnaw prodotti minghand il-konvenuti u kwindi allura l-istand in kwistjoni (li saret mill-atturi), ma baqghetx tintuza mill-konvenuti ghal prodotti tas-socjeta` attrici izda ghal prodotti ohra. Illi ghalhekk l-atturi qed jippretendu tramite din il-kawza li jithalsu in kontanti ghal tali stand skond il-valur patwit bejniethom. Meta l-konvenuti ntalbu li jirrifondu parti mill-korrispettiv in kontanti, dawn wiegbu li mhux ser jaffetwaw tali hlas sabiex jaghmel tajjeb ghar-rebates li ma hadux minghand is-socjeta` attrici.

Illi l-kwistjoni ta` dritt o meno ta` rebates huwa rrilevanti ghal kaz odjern in vista tal-fatt li tali obbligu/dritt ma jinstabx pattwit fil-ftehim ta` bejn il-partijiet a fol. 2 tal-process. Illi ghar-rigward ta` l-espozizzjoni tal-prodotti ta` l-atturi fuq l-istand in kwistjoni jidher li fattwalment gie ppruvat li dawn il-prodotti ma gewx hekk esposti ai termini ta` l-ispirtu tal-ftehim u dana minn Lulju l-quddiem tas-sena 2005. Ghal dan in-nuqqas kull parti twahhal fil-parti l-ohra fis-sens illi l-konvenuti jallegaw li l-atturi ma baqghux jibghatulhom xoghol filwaqt li l-atturi jallegaw li kienu l-konvenuti li ma baqghux jordnaw ix-xoghol minghandhom. It-Tribunal huwa propens li jaccetta l-ahhar verzjoni bhala l-aktar wahda verosimili partikolarment meta wiehed iqis ic-cirku normali ta` kif jigi gestit negozju simili.

Illi madankollu ghandu jirrizulta li d-divergenza bejn il-partijiet hija aktar ta` natura legali milli wahda fattwali. Il-konvenuti jinsistu li ma tistax tintalab refuzjoni ta` flus stante li ma kienx hemm flus mghoddija filwaqt li l-atturi jinsistu li t-talba hija gustifikata in vista tal-fatt li kien hemm ftehim ta` tpacija "on paper" bejn is-socjetajiet rispettivi kif jirrizulta difatti mill-iskrittura ffirmata bejniethom.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-partijiet kienu fil-fatt ftiehmu fuq tali forma ta` tpacija fl-iskrittura pattwita

bejniethom, liema forma ta` skambju taqa` fil-fatt fil-parametri ta` l-artikoli 1196 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi ghandu jirrizulta inoltre li s-socjeta` konvenuta ggwadanjat minn tali “set off” meta l-invoice taghha giet approvata u messa in azzjoni mis-socjeta` attrici kontra l-prodotti mibjugha minnha.  Issa in vista tal-fatt li l-konvenuti ma baqghux jesponu l-prodotti ta` l-atturi fit-tieni sitt xhur tas-sena 2005, ifisser li huma ma kienux gustifikati li jizufruwixxu ruhhom mill-ammont kollu indikat fuq l-invoice taghhom datata 23 ta` Frar, 2005, Dok. JC 2 u ghalhekk nofs l-ammont ta` din l-invoice ma ghandux jinqata` mill-prodotti mixtrija minnha minghand is-socjeta` attrici.

Illi tenut kont ta` dan kollu pero` xorta jibia` l-fatt li l-atturi ma jistghux jitolbu hlas lura ta` flus li qatt ma ghaddew u kwindi l-meritu tad-disgwid bejn il-partijiet ma hiex wahda semplici ta` hlas lura ta` debitu dovut izda tinvolvi t-thassir ta` ftehim pattwit bejniethom per via ta` inadempjenza ta` wiehed jew l-iehor mill-partijiet u konsegwenzjali likwidazzjoni ta` konteggi bejn iz-zewg nahat, liema sitwazzjoni kwindi tesorbita l-kompetenza ta` dan it-Tribunal.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-azzjoni kontemplata f’din il-kawza tezorbita l-kompetenza tieghu kwindi jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni ta` dan il-kaz, b’dan illi l-ispejjez ta` din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------